Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 465 SETTEMBRU 2015

## "Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien"

"Iddeċidejt li nwaqqaf anki fil-Knisja Kattolika l-'Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien', li, ibda minn din is-sena stess, sa jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Settembru, l-istess kif ilu jseħħ żmien fil-Knisja Ortodossa. ...

Bħala Nsara nixtiequ noffru s-sehem tagħna biex tingħeleb il-kriżi ekoloġika li minnha għaddejja l-familja tal-bnedmin. ...

Il-kriżi ekoloġika għalhekk qed issejħilna għal konverżjoni spiritwali qawwija: l-Insara huma msejħa għal konverżjoni ekoloġika ..." (Il-Papa Franġisku)

Ara fil-Laikos … http://www.laikos.org/Papa_Frangisku_JUmil-Holqien_06082015.htm

---



## ORDINAZZJONI EPISKOPALI TAL-E.T. MONS. GEORGE BUGEJA O.F.M.

### Isqof Koadjutur tal-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli, Libja
### Isqof Titulari ta' San Leone

Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu
nhar il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2015
fis-6.30pm

*Kulħadd huwa mistieden. Il-quddiesa se tixxandar ukoll fuq screen fuq iz-zuntier. Se jkun hemm siġġijiet għal kulħadd.*




---



Il-Knisja ta' San Franġisk, fejn se jkun l-Isqof George Bugeja O.F.M.

## Il-Knisja Kattolika fil-Libja

L-Insara kienu preżenti fil-Libja sa minn żmien ir-Rumani. Il-Vanġeli jagħmlu riferiment għal Xmun minn Ċirene (belt fil-Libja), li għen lil Ġesù jerfa' l-piż tas-salib għal parti mit-triq lejn il-Kalvarju (Mk. 15,21). Nhar Pentekoste, f'Ġerusalemm jissemmew nies mill-inħawi tal-Libja madwar Ċirene (Atti 2,10). Wara l-persekuzzjoni ta' Ġerusalemm, kienu nies min Ċipru u Ċirene li wasslu l-Aħbar it-Tajba lill-Griegi (Atti 11,20).

Il-Libja tat ukoll wieħed mis-suċċessuri ta' San Pietru. Dan kien il-Papa San Vitor I, li miet fis-sena 199 u li kien minn Leptis Magna jew Tripolitanja.

Il-Preżenza tal-Patrijiet Franġiskani b'mod kontinwu fil-Libja tmur lura sa mis-sena 1628. Il-Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli fil-Belt il-Qadima ta' Tripli ġiet imwaqqfa fl-1645.

Minħabba s-sitwazzjoni partikulari tal-Libja, il-Knisja fil-Libja mhix maqsuma fi djoċesijiet imma f'ġurisdizzjonijiet: żewġ Vigarjati Appostoliċi li huma Bengażi u Tripli. Il-Knisja Kattolika fil-Libja hi mmexxija minn Isqfijiet tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Minbarra Patri George Bugeja OFM, li se jiġi ordnat Isqof Koadjutur ta' Tripli, hemm ukoll Patri Sylvester Magro OFM, li huwa l-Vigarju Appostoliku ta' Bengażi. Il-Vigarjati Appostoliċi huma maqsuma f'diversi parroċċi personali, skont il-lingwi.

**Il-Vigarjat Appostoliku ta' Tripli** (Rit Latin), fil-Libja, fejn se jaħdem Patri George Bugeja bħala Isqof koadjutur, twaqqaf fit-23 ta' Frar 1913 bħala l-Vigarjat Appostoliku tal-Libja. Wara li fl-1927 beda jissejjaħ il-Vigarjat Appostoliku ta' Tripolitana, fit-22 ta' Ġunju 1939 reġa' ngħata l-isem li għandu llum. Fl-istorja tiegħu kellu sitt Ordinarji, kollha mill-Ordni tal-Aħwa Franġiskani (OFM). Il-Vigarju Appostoliku attwali hu l-E. T. Mons. Giovanni Innocenzo Martinelli OFM, nominat fit-3 ta' Mejju 1985.

**FORMAZZJONI GĦALL-KATEKISTI**
Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb
L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa – 9,10, 11 ta' Settembru 2015 – fis-6.30pm

| | |
|---|---|
| 1. It-Tlieta | San Eġidju, Eremita. Tikira.<br>Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien. |
| 2. L-Erbgħa | S. Massima ta' Ruma, Martri. Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 3. Il-Ħamis | San Girgor il-Kbir, Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O). |
| 4. Il-Ġimgħa | San Lawrenz Giustiniani. Tifkira.<br>L-Ewwel Il-Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Ordinazzjoni Episkopali ta' Patri George Bugeja OFM (Santwarju Ta' Pinu - 6.30pm).<br>Quddiesa għall-Professjonisti fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.30pm. |
| 5. Is-Sibt | L-Ewwel Is-Sibt tax-xahar.<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **6. Il-Ħadd** | **It-23 Il-Ħadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.** |
| 7. It-Tnejn | Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija (7 ta' Settembru 1921). |
| **8. It-Tlieta** | **It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija. Festa.**<br>Jum il-Vitorja. Festa Nazzjonali.<br>**Festa ta' Marija Bambina (Parroċċa Xagħra/Knisja ta' Savina, Victoria).** |
| 9. L-Erbgħa | San Pietru Claver, Presbiteru. Tifkira.<br>Formazzjoni Katekisti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 6.30pm). |
| 10. Il-Ħamis | Formazzjoni Katekisti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 6.30pm). |
| 11. Il-Ġimgħa | Quddiesa għal-Leġjunarji kollha b'tifkira tal-bidu tal-Leġjun ta' Marija (Parroċċa Xagħra - 7.00pm).<br>Formazzjoni Katekisti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 6.30pm). |
| 12. Is-Sibt | L-Isem tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira.<br>Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima (Knisja ta' Ħamet: fil-5.30pm adorazzjoni solenni u fis- 6.30pm quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' talb).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, Victoria - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **13. Il-Ħadd** | **24 Hadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Grazzja (Knisja tal-Kapuċċini, Victoria).** |
| 14. It-Tnejn | **L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Festa.**<br>Irtir għas-saċerdoti f'Manresa (sat-18 ta' Settembru). |
| 15. It-Tlieta | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri. Tifkira (O). |
| **16. L-Erbgħa** | **Il-151 Anniversarju tat-Twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex. Festa.** |
| 17. Il-Ħamis | San Roberto Bellarmino, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 18. Il-Ġimgħa | San Ġużepp ta' Copertino. Tifkira. |
| 19. Is-Sibt | San Ġennaru, Isqof u Martri. Tifkira.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Parroċċa Għarb - 7.30pm-9.30pm).<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **20. Il-Ħadd** | **Il-25 Il-Ħadd tas-Sena. Sena B.** |
| 21. It-Tnejn | San Mattew Appostlu u Evanġelista. Festa<br>Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali). |
| 22. It-Tlieta | San Tumas ta' Villanova, Isqof. Tifkira. |
| 23. L-Erbgħa | San Piju ta' Pietrelcina, Presbiteru. Tifkira (O). |
| 24. Il-Ħamis | Il-Verġni Marija tal-Ħniena. Tifkira. |
| 25. Il-Ġimgħa | Inawgurazzjoni tal-Monument ta' San Ġorġ Preca. |
| 26. Is-Sibt | San Kosma u San Damjan Martri. Tifkira.<br>**Quddiesa fl-okkażjoni tal-100 sena ta' preżenza tas-Soċjetà tal-Museum f' Għawdex (Parroċċa Nadur – 6.00pm).**<br>Lejl adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u Nofsillejl). |
| **27. Il-Ħadd** | **Is-26 Il-Ħadd tas-Sena. Sena B.**<br>**Festa ta' Ġesù Nazzarenu (Knisja Nazzarenu, Xagħra).** |
| 29. It-Tlieta | L-Arkanġli Mqaddsa, San Mikiel, San Gabrijel u San Rafel. Festa. |
| 30. L-Erbgħa | San Ġilormu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |